



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0236/2014**

20.3.2014

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDEZZJONI GĦAT-TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju  
(0000/2014 – C7-0000/2014 – 2011/0310(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Christofer Fjellner

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	4
ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	8
PROCĊEDURA .....	9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (0000/2014 – C7-0000-2014 – 2011/0310(COD))**

**(Proċedura legiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (0000/2014 – C7-0000/2014),
  - wara li kkunsidra il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0704),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0236/2014),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mad-dikjarazzjonijiet kollha mehmużin ma' din ir-riżoluzzjoni,;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Testi Adottati tat-23.10.2012, P7\_TA(2012)0383.

## ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-importanza li jittejjbu b'mod kontinwu l-effikaċja u l-koerenza tar-reġim strateġiku ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE, li jiżgura livell għoli ta' sigurtà u trasparenza adegwata mingħajr ma jfixkel il-kompetittività u l-kummerċ leġittimu f'oġġetti b'użu doppju.

It-tliet istituzzjonijiet iqisu li l-modernizzazzjoni u l-konverġenza ulterjuri tas-sistema huma meħtieġa sabiex din tlaħħaq ma' theddidiet ġodda u bidliet teknoloġiċi rapidi, jitnaqqsu d-distorsjonijiet, jinħoloq suq komuni ġenwin għal oġġetti b'użu doppju (kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni uniformi għall-esportaturi) u tkompli tkun mudell ta' kontroll tal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi.

Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-proċess ta' aġġornament tal-listi ta' kontroll jiġi semplifikat (Annessi għar-Regolament); jissaħħu l-valutazzjoni tar-riskju u l-iskambju ta' informazzjoni, jiġu żviluppati standards industrijali mtejba, u jitnaqqsu d-disparitajiet fl-implimentazzjoni.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-kwistjonijiet fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) li jistgħu jintużaw f'konnessjoni mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex idgħajfu s-sigurtà tal-UE, b'mod partikolari għat-teknoloġiji użati għas-sorveljanza tal-massa, il-monitoraġġ, l-insewiment, l-intraċċar u l-iċċensurar, kif ukoll għal-vulnerabbiltajiet tas-software.

Inbdew konsultazzjonijiet tekniċi f'dan ir-rigward, inklużi fil-qafas taż-Żjara bejn il-Pari tal-UE dwar l-Użu Doppju, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Użu Doppju, u r-reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni, u tkompla t-teħid ta' azzjonijiet biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' urġenza permezz ta' sanzjonijiet (skont l-Artikolu 215 tat-TFUE), jew ta' miżuri nazzjonali. Barra minn hekk, se jiġu intensifikati l-isforzi għall-promozzjoni ta' ftehimiet multilaterali fil-kuntest tar-reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni, u se jiġu esplorati għażliet biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-kuntest tar-rieżami li għadu għaddej tal-politika tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni tal-użu doppju, u biex titħejja Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, it-tliet istituzzjonijiet hađu nota tal-ftehim tal-4 ta' Diċembru 2013 mill-Istati Parteċipanti tal-Arranġament ta' Wassenaar biex jadottaw kontrolli fuq għodod kumplessi ta' sorveljanza li jippermettu l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistemi tal-kompjuters, u fuq sistemi ta' sorveljanza tal-IP-networks.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom ukoll li jiżviluppaw aktar il-mekkaniżmu eżistenti "catch-all" għal oġġetti ta' użu doppju li mhumiex fl-Anness I

għar-Regolament, sabiex ikomplu jsaħħu s-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni u l-applikazzjoni tagħha fis-suq uniku Ewropew.

## **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti delegati**

Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn li ħadet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea li tagħti lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha rigward it-tħejjija ta' atti delegati.

## **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġġornament tar-Regolament**

Sabiex tiżgura approçċ Ewropew aktar integrat, effiċjenti u koerenti għall-moviment (l-esportazzjoni, it-trasferimenti, is-senserija u t-transitu) ta' oġġetti strateġiċi, il-Kummissjoni se tressaq proposta ġdida għall-aġġornament tar-Regolament kemm jista' jkun malajr.

## NOTA SPJEGATTIVA

Attwalment l-annessi għar-"Regolament dwar l-Użu Doppju" Nru 428/2009 li jinkludu listi ta' oġġetti u destinazzjonijiet ikkontrollati jiġu aġġornati permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja. Din il-proposta tal-allinjament "post-Lisbona" għandha l-għan li tissimplifika l-proċeduri fir-reġim tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjonijiet billi tintroduċi atti delegati għall-aġġornamenti regolari tal-Anness I u għal modifiki tal-Anness II.

Wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari fit-23 ta' Ottubru 2012, ġew konklużi, fis-17 ta' Diċembru 2013, negozjati informali bil-għan li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari. It-test li ħareġ min-negozjati ġie approvat b'maġġoranza assoluta mill-membri tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fil-21 ta' Jannar 2014. Wara verifika legali-lingwistika, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tikkonferma l-ftehim fit-3 ta' Marzu 2014.

Ir-Rapporteur jirrakomanda li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u d-dikjarazzjoni konġunta mit-tliet istituzzjonijiet jiġu approvati mingħajr emendi, filwaqt li tittieħed nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar atti delegati u r-riforma dwar il-kontrolli strateġiċi tal-esportazzjoni. It-tliet dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati flimkien mal-att leġislattiv finali.



